DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Frar

li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku "Ġustizzja Kriminali" bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja

(2007/126/ĠAI)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 u l-Artikolu 34(2)(ċ) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) L-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-għan ta' l-Unjoni huwa li tipprovdi liċ-ċittadini b'livell għoli ta' sigurtà f'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja billi tiżviluppa azzjoni komuni fost l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

(2) Skond l-Artikolu 31 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, azzjoni komuni f'materji kriminali għandha tinkludi, b'mod partikolari, kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

(3) Waqt li jibni fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere, il-Programm ta' l-Aja, adottat mill-Kunsill Ewropew f'Novembru 2004, jafferma mill-ġdid il-prijorità li jissaħħu l-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari billi tittejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, fuq il-bażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

(4) Il-programm kwadru stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/630/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi programm kwadru dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (AGIS) ([2]) ikkontribwixxa b'mod konsiderevoli għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija u aġenziji oħra ta' l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura fl-Istati Membri u għat-titjib tal-ftehim u l-fiduċja reċiproċi bejn is-sistemi tal-pulizija, ġudizzjarji, legali u amministrattivi tagħhom.

(5) L-għanijiet ambizzjużi stabbiliti mit-Trattat u l-Programm ta' l-Aja għandhom jiġu realizzati permezz ta' l-istabbilimment ta' programm flessibbli u effettiv li jiffaċilita l-ippjanar u l-implimentazzjoni.

(6) Il-Programm għandu jtejjeb il-kunfidenza reċiproka fost il-ġudikatura. Il-kunfidenza reċiproka, skond il-Programm ta' l-Aja, għandha tiġi msaħħa billi jiġu żviluppati netwerks ta' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet ġudizzjarji, billi jiġi mtejjeb it-taħriġ fil-professjonijiet ġudizzjarji, billi tiġi żviluppata l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-politika ta' l-UE fil-qasam tal-ġustizzja, filwaqt li tiġi rispettata bis-sħiħ l-indipendenza tal-ġudikatura, permezz taż-żieda tar-riċerka fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, u billi jiġu ffaċilitati proġetti operattivi fost l-Istati Membri li għandhom l-għan li jimmodernizzaw il-ġustizzja.

(7) Il-Programm għandu jiffaċilita wkoll l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku permezz tat-titjib ta' l-għarfien reċiproku dwar kundanni preċedenti mogħtija fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' sistema kompjuterizzata ta' skambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali.

(8) In-Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju stabbilit minn istituzzjonijiet speċifikament responsabbli għat-taħriġ tal-ġudikatura professjonali ta' l-Istati Membri kollha jippromwovi programm ta' taħriġ għall-imħallfin u l-prosekuturi pubbliċi b'dimensjoni Ewropea ġenwina. Dan jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kunfidenza reċiproka u jtejjeb il-ftehim reċiproku bejn awtoritajiet ġudizzjarji u sistemi legali differenti.

(9) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-programm, jinkisbu aħjar fuq il-livell ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill jista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea li sar applikabbli għall-Unjoni mill-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(10) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju", u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 ([4]) tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1605/2002, li jissalvagwardjaw l-interessi finanzjarji tal-Komunità, japplika b'kont meħud tal-prinċipji tas-sempliċità u l-konsistenza fl-għażla ta' l-istrumenti tal-baġit,

([1]) Opinjoni mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2006 (għadha mhux pubblikata fil-ĠU).

([2]) ĠU L 203, 1.8.2002, p. 5.

([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

([4]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 1248/2006 (ĠU L 227, 19.8.2006, p. 3).

limitazzjoni fuq in-numru ta' każijiet fejn il-Kummissjoni żżomm ir-responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tagħhom, u l-proporzjonalità meħtieġa bejn l-ammont ta' riżorsi u l-piż amministrattiv relatat ma' l-użu tagħhom.

(11) Għandhom jittieħdu wkoll miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi, u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġu rkuprati fondi mitlufa, imħallsa b'mod mhux dovut jew użati ħażin skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ([1]), (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar kontrolli u spezzjonijiet fil-post imwettqa mill-Kummissjoni ([2]) u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ([3]).

(12) Ir-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li jiġi adottat att bażiku biex ikopri għotjiet operattivi.

(13) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond il-proċeduri stabbiliti fiha, bl-assistenza ta' kumitat.

(14) Huwa xieraq li d-Deċiżjoni 2002/630/ĠAI tiġi sostitwita mill-1 ta' Jannar 2007 b'din id-Deċiżjoni u b' Deċiżjoni li tistabbilixxi Programm Speċifiku "il-Prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-kriminalità".

(15) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u fil-ħin tal-programm, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Suġġett

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-programm speċifiku dwar il-ġustizzja kriminali, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-programm" bħala parti mill-programm ġenerali dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja, sabiex jikkontribwixxi għat-tisħiħ taż-żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.

2. Il-programm għandu jkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Artikolu 2

Għanijiet ġenerali

1. Il-programm għandu jkollu dawn l-għanijiet ġenerali li ġejjin:

(a) Li jippromwovi l-kooperazzjoni ġudizzjarja bl-għan li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona Ewropea ġenwina tal-ġustizzja f'materji kriminali bbażata fuq rikonoxximent u kunfidenza reċiproċi;

(b) Li jippromwovi l-kompatibbiltà fir-regoli applikabbli fl-Istati Membri kif jista' jkun meħtieġ biex tittejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja. Li jippromwovi tnaqqis f'ostakoli legali eżistenti għall-funzjonament tajjeb tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bil-ħsieb tat-tisħiħ tal-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u ż-żieda tal-kompatibbiltà tas-sistemi ġudizzjarji eżistenti fl-Istati Membri ma' l-Unjoni Ewropea bil-ħsieb li jiġi provdut segwitu adegwat għal investigazzjonijiet ta' l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri;

(ċ) Li jtejjeb il-kuntatti u l-iskambju ta' informazzjoni u ta' l-aħjar prattika bejn l-awtoritajiet legali, ġudizzjarji u amministrattivi u l-professjonijiet legali: avukati u professjonisti oħra involuti fil-ħidma tal-ġudikatura, u li jrawwem it-taħriġ tal-membri tal-ġudikatura, bil-ħsieb tat-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka.

(d) Li jtejjeb ulterjorment il-fiduċja reċiproka bil-ħsieb li jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet ta' vittmi u ta' akkużati.

2. Mingħajr preġudizzju għall-għanijiet u s-setgħat tal-Komunità Ewropea, l-għanijiet ġenerali tal-Programm jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politika komunitarja, u b'mod aktar speċifiku għall-ħolqien ta' żona ġudizzjarja.

Artikolu 3

Għanijiet speċifiċi

Il-Programm għandu jkollu dawn l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) Li jrawwem kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bl-għan li:

(i) jippromwovi r-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet u sentenzi ġudizzjarji;

(ii) jelimina ostakoli maħluqa minn disparitajiet bejn is-sistemi ġudizzjarji ta' l-Istati Membri u jippromwovi l-approssimazzjoni meħtieġa ta' liġi kriminali sostantiva dwar kriminalità gravi, b'mod partikolari b'dimensjoni transkonfinali;

(iii) jsaħħaħ aktar l-istabbiliment ta' regoli minimi dwar aspetti ta' liġi kriminali proċedurali bil-ħsieb tal-promozzjoni ta' l-aspetti prattiċi ta' kooperazzjoni ġudizzjarja;

(iv) jiggarantixxi amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja billi jevita l-konflitti ta' ġurisdizzjoni;

(v) jtejjeb l-iskambju ta' informazzjoni, permezz ta' l-użu ta' sistemi kompjuterizzati, b'mod partikolari informazzjoni meħuda minn rekords kriminali nazzjonali;

(vi) jippromwovi d-drittijiet ta' l-akkużati kif ukoll l-assistenza soċjali u legali għall-vittmi.

([1]) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
([2]) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
([3]) ĠU L 136, 31.5.1999 p. 1.

(vii) iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-kooperazzjoni ma' l-Eurojust fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transkonfinali u kriminalità gravi oħra;

(viii) Jippromwovi miżuri bil-għan ta' soċjalizzazzjoni mill-ġdid effettiva ta' delinkwenti, b'mod partikolari delinkwenti żgħar fl-età.

(b) Li jtejjeb l-għarfien reċiproku tas-sistemi legali u ġudizzjarji ta' l-Istati Membri f'materji kriminali u li jippromwovi u jsaħħaħ in-netwerking, il-kooperazzjoni reċiproka, l-iskambju u t-tixrid ta' informazzjoni, esperjenzi u ta' l-aħjar prattiki.

(ċ) Li jiżgura l-implimentazzjoni tajba, l-applikazzjoni korretta u konkreta u l-evalwazzjoni ta' strumenti ta' l-Unjoni fl-oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali;

(d) Li jtejjeb l-informazzjoni dwar is-sistemi legali fl-Istati Membri u l-aċċess għall-ġustizzja;

(e) Li jippromwovi t-taħriġ fil-liġi Komunitarja u ta' l-Unjoni għall-ġudikatura, l-avukati u professjonisti oħra involuti fil-ħidma tal-ġudikatura;

(f) Li jevalwa l-kondizzjonijiet ġenerali meħtieġa għall-iżvilupp ta' kunfidenza reċiproka permezz tat-titjib ta' ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u sistemi legali differenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-politika ta' l-UE fil-qasam tal-ġustizzja;

(g) Li jiżviluppa u jimplimenta sistema kompjuterizzata ta' skambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali u li jappoġġa studji għall-iżvilupp ta' tipi oħra ta' skambju ta' informazzjoni.

Artikolu 4

Azzjonijiet eleġibbli

Bil-ħsieb li jiġu persegwiti l-għanijiet ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3, dan il-programm għandu jappoġġa taħt il-kondizzjonijiet imniżżlin fil-Programm ta' ħidma annwali t-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

(a) azzjonijiet speċifiċi meħuda mill-Kummissjoni, bħal studji u riċerka, ħolqien u implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi bħall-ħolqien ta' sistema kompjuterizzata ta' skambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali, stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika u servejs, tfassil ta' indikaturi u metodoloġiji komuni, ġbir, żvilupp u tixrid ta' *data* u ta' statistika, seminars, konferenzi u laqgħat ta' esperti, organizzazzjoni ta' kampanji u avvenimenti pubbliċi, żvilupp u manutenzjoni ta' websites, preparazzjoni u tixrid ta' materjali ta' informazzjoni, appoġġ lil u żvilupp ta' netwerks ta' esperti nazzjonali, attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni; jew

(b) proġetti transnazzjonali speċifiċi ta' interess ta' l-Unjoni ppreżentati minn ta' l-inqas żewġ Stati Membri jew minn ta' l-inqas Stat Membru wieħed u pajjiż wieħed ieħor li jista' jkun pajjiż aderenti jew pajjiż kandidat taħt il-kondizzjonijiet li jidhru fil-programmi ta' ħidma annwali; jew

(ċ) appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħra li għandhom l-għan ta' interess Ewropew ġenerali skond l-għanijiet ġenerali tal-programm taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali; jew;

(d) għotja operattiva biex tiġi kofinanzjata n-nefqa assoċjata mal-programm ta' ħidma permanenti tan-Netwerk Ewropea għat-Taħriġ Ġudizzjarju li għandha l-għan ta' interess ġenerali Ewropew fil-qasam tat-taħriġ tal-ġudikatura.

(e) Proġetti nazzjonali fi Stati Membri, li

(i) jħejju proġetti transnazzjonali u/jew azzjonijiet ta' l-Unjoni ("miżuri ta' avvjament"),

(ii) jikkomplementaw proġetti transnazzjonali u/jew azzjonijiet ta' l-Unjoni ("miżuri komplementarji"),

(iii) jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' metodi innovattivi u/jew ta' teknoloġiji b'potenzjal għal trasferibbiltà għal azzjonijiet fil-livell ta' l-Unjoni, jew jiżviluppaw tali metodi jew teknoloġiji bil-ħsieb li jittrasferuhom lil Stati Membri oħra u/jew lil stat ieħor li jista' jkun pajjiż aderenti jew pajjiż kandidat,

Artikolu 5

Gruppi ta' Mira

Il-programm huwa ddestinat għal inter alia, prattikanti legali, rappreżentanti ta' servizzi ta' assistenza għall-vittmi, u professjonisti oħra involuti fil-ħidma tal-ġudikatura, l-awtoritajiet nazzjonali u ċ-ċittadini ta' l-Unjoni b'mod ġenerali.

Artikolu 6

Aċċess għall-Programm

1. L-aċċess għall-Programm għandu jkun miftuħ għal istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati, inklużi organizzazzjonijiet professjonali, universitajiet, istituzzjonijiet ta' riċerka, u istituzzjonijiet ta' taħriġ legali jew ġudizzjarju jew ta' taħriġ ulterjuri għal prattikanti legali, organizzazzjonijiet mhux governattivi ta' l-Istati Membri. Korpi u organizzazzjonijiet li huma orjentati għall-profitt għandu jkollhom aċċess għal Programm biss flimkien ma' organizzazzjonijiet bla profitt jew statali.

"Prattikanti legali" tfisser, inter alia, imħallfin, prosekuturi, avukati, konsulenti legali, uffiċjali tal-ministeri, uffiċjali tal-qorti, *bailiffs*, interpreti tal-qorti u professjonisti oħra involuti fix-xogħol tal-ġudikatura fil-qasam tal-liġi kriminali.

2. Ma jistgħux jiġu ppreżentati proġetti minn pajjiżi terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali iżda dawn jistgħu jieħdu sehem bħala msieħba.

Artikolu 7

Tipi ta' intervent

1. Il-finanzjament Komunitarju jista' jieħu l-forom legali li ġejjin:

(a) għotjiet,

(b) kuntratti ta' akkwist pubbliku.

2. Għotjiet Komunitarji għandhom normalment jingħataw wara sejħiet għal proposti, ħlief f'każijiet eċċezzjonali ta' emerġenza ssostanzjati kif dovut jew fejn il-karatteristiċi tal-benefiċjarju ma jħallu l-ebda għażla oħra għal azzjoni partikolari, u għandhom jiġu pprovduti permezz ta' għotjiet operattivi u għotjiet għal azzjonijiet.

Il-programm ta' ħidma annwali għandu jispeċifika r-rata minima tan-nefqa annwali li għandha tingħata għall-għotjiet. Din ir-rata minima għandha tkun mill-anqas ta' 65 %.

Ir-rata massima ta' kofinanzjament ta' l-ispejjeż tal-proġetti għandha tiġi speċifikata fil-programm ta' ħidma annwali.

3. Barra minn hekk, huwa previst infiq għal miżuri ta' akkumpanjament, permezz ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku, f'liema każ il-fondi Komunitarji għandhom ikopru x-xiri ta' servizzi u merkanzija. Dan għandu jkopri, inter alia, nefqa fuq informazzjoni u komunikazzjoni, tħejjija, implimentazzjoni, monitoraġġ, ikkontrollar u evalwazzjoni ta' proġetti, politika, programmi u leġiżlazzjoni.

Artikolu 8

Miżuri implimentattivi

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-appoġġ finanzjarju Komunitarju skond ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, hawn aktar il' quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju" .

2. Biex timplimenta l-Programm, il-Kummissjoni għandha, fil-limiti ta' l-għanijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2, tadotta programm ta' ħidma annwali, sa' l-aħħar ta' Settembru li jispeċifika l-għanijiet speċifiċi, il-prijoritajiet tematiċi, deskrizzjoni ta' miżuri ta' akkumpanjament previsti fl-Artikolu 7(3) u, jekk ikun meħtieġ, lista ta' azzjonijiet oħrajn.

Il-programm ta' ħidma annwali għall-2007 għandu jiġi adottat tliet xhur wara li jkollha effett din id-Deċiżjoni.

3. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jiġi adottat skond il-proċedura amministrattiva stabbilita fl-Artikolu 11.

4. Il-proċeduri ta' evalwazzjoni u ta' għoti relatati ma' għotjiet għal azzjonijiet għandhom jieħdu kont, inter alia, tal-kriterji li ġejjin:

(a) il-konformità mal-programm ta' ħidma annwali, l-għanijiet ġenerali kif speċifikati fl-Artikolu 2 u l-miżuri meħuda fl-oqsma differenti kif speċifikati fl-Artikoli 3 u 4;

(b) il-kwalità ta' l-azzjoni proposta fir-rigward tal-konċepiment, l-organizzazzjoni u l-preżentazzjoni tagħha u r-riżultati mistennija minnha;

(ċ) l-ammont mitlub għall-finanzjament Komunitarju u kemm hu xieraq meta jitqiesu r-riżultati mistennija;

(d) l-impatt tar-riżultati mistennija fuq l-għanijiet ġenerali definiti fl-Artikolu 2 u fuq il-miżuri li ttieħdu fl-oqsma differenti kif speċifikat fl-Artikoli 3 u 4.

5. L-applikazzjonijiet għal għotjiet operattivi, imsemmija fl-Artikolu 4(ċ) u (d), għandhom jiġu valutati fid-dawl ta':

(a) il-konsistenza ma' l-għanijiet tal-Programm;

(b) il-kwalità ta' l-attivitajiet ippjanati;

(ċ) l-effett multiplikatur probabbli ta' dawn l-attivitajiet fuq il-pubbliku;

(d) l-impatt ġeografiku ta' l-attivitajiet imwettqa;

(e) l-involviment taċ-ċittadini fl-organizzazzjoni tal-korpi kkonċernati;

(f) il-proporzjon tal-kost/benefiċċju ta' l-attività proposta.

6. Deċiżjonijiet relatati ma' azzjonijiet sottomessi taħt l-Artikolu 4(1)(a) għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura amministrattiva stabbilita fl-Artikolu 11. Deċiżjonijiet relatati ma' azzjonijiet sottomessi taħt l-Artikolu 4 (1)(b),(ċ),(d) u (e) għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura ta' konsultazzjoni stabbilita fl-Artikolu 10.

Deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għal għotjiet li jinvolvu korpi jew organizzazjonijiet orjentati lejn il-profitt għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura amministrattiva stabbilita fl-Artikolu 11.

7. Skond l-Artikolu 113(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-prinċipju ta' tnaqqis gradwali ma għandux japplika għall-għotja operattiva mogħtija lin-Netwerk Ewropea għat-Taħriġ Ġudiżzjarju ladarba għandha objettiv ta' interess ġenerali Ewropew.

Artikolu 9

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat, kompost minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u presedut mir-rappreżentant tal-Kummissjoni (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat").

2. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

3. Il-Kummissjoni tista' tistieden rappreżentanti mill-pajjiżi applikanti għal laqgħat ta' informazzjoni wara l-laqgħat tal-Kumitat.

Artikolu 10

Proċedura konsultattiva

1. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz, f'limitu ta' żmien li l-president jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-kwistjoni, jekk meħtieġ permezz ta' votazzjoni.

2. L-opinjoni għandha tiġi rreġistrata fil-minuti; kull Stat Membru jista' jitlob li l-pożizzjoni tiegħu tiġi rreġistrata fil-minuti.

3. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-akbar kont possibbli ta' l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat. Hija għandha tinforma lill-Kumitat dwar il-mod ta' kif ittieħed kont ta' l-opinjoni.

Artikolu 11

Proċedura amministrattiva

1. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz, f'terminu ta' żmien li l-President jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-kwistjoni. Fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill għandu jadotta dwar proposta mill-Kummissjoni, l-opinjoni għandha tiġi mogħtija mill-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 205 (2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Kumitat għandhom jiġu ppeżati bil-mod stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-President ma għandux jivvota.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li għandhom japplikaw minnufih. Madankollu, jekk il-miżuri ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat, huma għandhom jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill immedjatament. F'dak il-każ, il-Kummissjoni tista' tiddeferixxi l-applikazzjoni tal-miżuri li tkun iddeċidiet dwarhom għal perijodu ta' tliet xhur mid-data ta' tali komunikazzjoni.

3. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fil-perijodu previst mill-paragrafu 2.

Artikolu 12

Komplementarjetà

1. Għandhom ikunu mfittxija sinerġiji u komplementarjetà ma' strumenti Komunitarji u ta' l-Unjoni oħra, inter alia mal-programm speċifiku "Ġustizzja Ċivili" bħala parti mill-programm ġenerali dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja, u l-Programmi Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet u s-Solidarjetà u l-Maniġġar ta' Flussi ta' Migrazzjoni. L-element statistiku ta' l-informazzjoni dwar il-ġustizzja kriminali għandu jiġi żviluppat b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, bl-użu, skond kif ikun meħtieġ, tal-Programm Statistiku Komunitarju.

2. Il-Programm jista' jikkondividi r-riżorsi ma' strumenti Komunitarji u ta' l-Unjoni oħra, b'mod partikolari l-programm speċifiku "Ġustizzja Ċivili" bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja, sabiex jiġu implimentati azzjonijiet li jissodisfaw l-għanijiet taż-żewġ programmi.

3. Operazzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni ma għandhomx jirċievu assistenza għall-istess għan minn strumenti finanzjarji Komunitarji u ta' l-Unjoni oħra. Għandu jkun żgurat li l-benefiċjarji ta' din id-Deċiżjoni għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar finanzjament irċevut mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea u minn sorsi oħra, kif ukoll informazzjoni dwar applikazzjonijiet kurrenti għal finanzjament.

Artikolu 13

Riżorsi tal-Baġit

Ir-riżorsi tal-baġit allokati għall-azzjonijiet previsti fil-programm għandhom jiddaħħlu fl-approprjazzjonijiet annwali tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. L-approprjazzjonijiet annwali disponibbli għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-qafas finanzjarju.

Artikolu 14

Monitoraġġ

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li għal kwalunkwe azzjoni ffinanzjata mill-Programm, il-benefiċjarju għandu jissottometti rapporti tekniċi u finanzjarji dwar il-progress tal-ħidma u li rapport finali għandu jiġi sottomess fi żmien tliet xhur mit-tlestija ta' l-azzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-forma u l-istruttura tar-rapporti.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kuntratti u l-ftehim li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Programm jipprevedu b'mod partikolari għas-superviżjoni u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni (jew kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha), jekk meħtieġ permezz ta' kontrolli fuq il-post, inklużi kontrolli ta' kampjuni, u verifiki mill-Qorti ta' l-Awdituri.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li għal perijodu ta' ħames snin wara l-aħħar pagament fir-rigward ta' kwalunkwe azzjoni, il-benefiċjarju ta' assistenza finanzjarja għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni d-dokumenti kollha ta' appoġġ fir-rigward tan-nefqa fuq l-azzjoni.

4. Abbażi tar-riżultati tar-rapporti u l-kontrolli fuq il-post imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha tiżgura, jekk meħtieġ, li l-iskala jew il-kondizzjonijiet ta' l-allokazzjoni ta' l-assistenza finanzjarja oriġinarjament approvata, kif ukoll l-iskeda ta' żmien għall-pagamenti jiġu aġġustati.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li kull pass ieħor meħtieġ biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati jitwettqu sew u jittieħdu skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 15

Protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta azzjonijiet iffinanzjati taħt id-Deċiżjoni preżenti jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji Komunitarji jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u permezz ta' l-irkupru ta' l-ammonti mħallsa mhux kif dovut u, jekk jiġu

individwati irregolaritajiet, b'pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi, skond ir-Regolamenti (KE, Euratom) Nru 2988/95, (Euratom, KE) Nru 2185/96, u (KE) Nru 1073/1999.

2. Għall-azzjonijiet Komunitarji ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 għandhom japplikaw għal kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja, inkluż ksur ta' obbligu kuntrattwali stipulat abbażi tal-Programm, li jirriżulta minn att jew omissjoni minn operatur ekonomiku, li għandu, jew ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jew il-baġits amministrati minnha b'nefqa mhux iġġustifikata.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ammont ta' assistenza finanzjarja għal azzjoni jiġi mnaqqas, sospiż jew irkuprat, jekk issib irregolaritajiet, inkluż nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew id-deċiżjoni individwali jew il-kuntratt jew il-ftehim li jagħtu l-appoġġ finanzjarju in kwistjoni, jew jekk jirriżulta li, mingħajr ma tkun intalbet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni tkun għaddiet minn tibdil li jmur kontra n-natura jew il-kondizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-proġett.

4. Jekk il-limiti ta' żmien ma ġewx osservati jew jekk parti biss mill-assistenza finanzjarja allokata hija ġustifikata bil-progress li jkun sar bl-implimentazzjoni ta' l-azzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-benefiċjarju jiġi mitlub biex jissottometti osservazzjonijiet fi żmien perijodu speċifikat. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix tweġiba sodisfaċenti, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-appoġġ finanzjarju li jkun fadal jista' jiġi kkanċellat u ħlas lura ta' somom diġà mħallsa jiġi mitlub.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe pagament imħallas mhux kif dovut għandu jitħallas lura lill-Kummissjoni. Għandhom jiżdiedu l-interessi ma' kwalunkwe somma mhux imħallsa lura f'waqtha taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 16

Evalwazzjoni

1. Il-Programm għandu għandu jiġi mmonitorjat regolarment sabiex tkun segwita l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet imwettqa taħt il-Programm.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm evalwazzjoni regolari, indipendenti u esterna tal-Programm.

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill:

(a) preżentazzjoni annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Programm;

(b) rapport ta' evalwazzjoni interim dwar ir-riżultati miksuba u l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni tal-Programm sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2011;

(ċ) Komunikazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-Programm sa mhux aktar tard mit-30 ta' Awwissu 2012;

(d) rapport ta' evalwazzjoni ex post sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 17

Pubblikazzjoni ta' proġetti

Kull sena, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista ta' azzjonijiet iffinanzjati taħt il-Programm b'deskrizzjoni qasira ta' kull proġett.

Artikolu 18

Miżuri tranżitorji

Din id-Deċiżjoni għandha, mill-1 ta' Jannar 2007, tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Deċiżjoni2002/630/ĠAI.

Azzjonijiet mibdija qabel il-31 ta' Diċembru 2006 skond id-Deċiżjoni 2002/630/ĠAI għandhom ikomplu jiġu irregolati, sattlestija tagħhom, minn dik id-Deċiżjoni. Il-Kumitat previst fl-Artikolu 7 għandu għalhekk jiġi ssostitwit minn dak previst fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni preżenti.

Artikolu 19

Effett u applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Magħmul fi Brussel, 12 ta' Frar 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

F.-W. STEINMEIER